**16 ta' Frar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Lawrence Scerri

*versus*

Carmelina Cocchiara

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Kwistjoni ta' Dritt — Appell — "Alternative Accomodation"**

*Sentenza tal-Bord tal-Kera li tistabbilixxi bħala kriterju legali li xebba tal-età tagħha qabel tiżżewweġ ma għandiex dritt ikollha dar għaliha mela tista' toqgħod mal-ġenituri tagħha, tikkontjeni punt ta' dritt li jirrendi dik is-sentenza appellabbli. Għax il-liġi ma timpedixxix li xebba tal-età tagħha jkollha l-abitazzjoni tagħha proprja indipendenti minn dik ta' missierha u ommha.*

*Għaldaqstant, jekk xebba tal-età tagħha kienet toqgħod ma' nannitha, u baqgħet tgħix fejn kienet toqgħod nannitha qabel ma din mietet, mhix aċċettabbli d-domanda tas-sid tal-post fejn kienet toqgħod in-nanna biex dik ix-xebba tiġi żgumbrata fuq il-motiv li tista' tmur toqgħod mal-ġenituri tagħha, mingħajr ma tiġi lilha offerta "alternative accomodation."*

Il-Qorti:— Fuq it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond Vincent Bugeja Street 23, Ħamrun, billi jridu għall-użu tiegħu u ta' bintu;

Rat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-12 ta' Diċembru 1961, li biha ġiet milqugħa t-talba bl-ispejjeż, u ġie mogħti xahar żmien lill-intimata biex tiżgombra; billi l-Bord ikkunsidra;

Illi mill-provi rriżulta illi l-fond "de quo" kien mikri lin-nanna tal-intimata, li mietet, u billi l-intimata kienet

ilha magħha xi disgħa snin u nofs, saret hija l-inkwilina tal-post bil-mewt ta' nannitha. L-intimata hija xebba, u baqgħet toqgħod fil-post in kwistjoni, però, tmur tiekol għand il-ġenituri tagħha, u toqgħod għandhom ukoll matul il-ġurnata, però fil-fond in kwistjoni ġejja u sejra. Hija kienet marret man-nanna tagħha biex tagħmel kumpannija, u bil'i fid-dar tal-ġenituri ma hemmx wisgħa biżżejjed. Hija għandha żewġ ħutha ġuvintur, li joqgħodu fil-post tal-ġenituri; però hemm iċ-ċokon, tant li jieklu fl-istess kamra fejn jorqdu l-ġuvintur. L-intimata hija għarusa u bi ħsiebha tiżżewweġ meta tkun żgura li d-dar in kwistjoni tibqa' f'idejha;

Ir-rikorrent irid id-dar biex jagħti biċċa lit-tifla biex tniffidha mad-dar tagħha, u biċċa għalieh bħala store tan-negozju tiegħu;

Fil-fehma tal-Bord, ir-rikorrent ma hux obligat jipprovdi "alternative accomodation", għaliex l-intimata għandha fejn toqgħod, ċjoè fid-dar tal-ġenituri tagħha. Hija, infatti, "figlia di famiglia", u jidher ċar illi baqgħet iżżomm il-post għaliex għandha ħsieb tiżżewweġ. Jekk id-dar tal-ġenituri tagħha hija ristretta ma jirrigwardax lilha, imma lill-ġenituri, li huma obligati jaħsbu għall-"accomodation" għat-tfal tagħhom. Divers kien ikun il-każ kieku l-intimata qegħdha tgħix b'ekonomija separata minn dik tal-ġenituri tagħha u qegħdha verament tgħix għal rasha, jew kieku laħqet iżżewġet u qegħdha tgħix personalment fil-post;

Rat ir-rikors tal-intimata Carmelina Cocchiara, li appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Bord, u talbet ir-revoka ta' dik is-sentenza u ċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent Lawrence Scerri; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Bord qata' li l-appellanti hija "figlia di famiglia" li għadha ma żżewġitx, u għalhekk għandha fejn toqgħod billi tista' toqgħod mal-ġenituri tagħha, u ma għandhiex

dritt għal "alternative accomodation"; u fuq daqshekk il-Bord laqa' t-talba għall-iżgumbrament tagħha. Dan ifisser li l-Bord stabbilixxa bħala kriterju legali li xebba tal-età tagħha, qabel tiżżewweġ, ma għandhiex dritt ikollha dar għar-rasha meta tista' toqgħod f'dar il-ġenituri tagħha. Dan huwa punt ta' dritt li jirrendi appellabbli s-sentenza tal-Bord; għax il-liġi ma timpedix li xebba tal-età tagħha jkollha l-abitazzjoni proprija *ndipendenti* minn dik ta' *ommha u missierha*;

Fil-każ in eżami, l-appellanti kienet toqgħod fid-dar in kwistjoni ma' nannitha baqgħet tgħix hemmhekk wara l-mewt ta' nannitha, u b'*sentenza* tal-Qorti Ċivili Inferjuri f'kawża *magħmula kontra tagħha mir-rikorrent* stess ġiet rikonoxxuta bħala nkwilina ta' dik id-dar (dep. appellata fol. 2). Il-fatt li tmur tiekol għand il-ġenituri tagħha ma jfisserx li mhix tabita fid-dar in kwistjoni; għax fil-fatt l-unika abitazzjoni li għandha *hija fid-dar* in kwistjoni; u *fid-dar tal-ġenituri tagħha, anki kieku* stess *riedet* lanqas *hemm* wisgħa għaliha. Mil-banda l-oħra, l-appellat lanqas offra "alternative accomodation" li jista' b'xi mod jiġi kunsidrat "suitable";

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti *tilqa'* l-appell u tir-*revoka* s-sentenza appellata fuq imsemmija tal-Bord, u tiċħad it-talba tar-rikorrent appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.